MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 659/2009

Merlin International Limited (C4432).

Vs

Nathan Lee Mayne.

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u wiehed u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2,361.58) minghand il-konvenut, rapprezentanti bilanc dovut ghas-servizz ta' kiri ta' karozza, liema somma baqghet ma thallsitx nonostante diversi interpellazzjonijiet. Bl-ispejjes u l-imghax legali mit-30 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dan l-att.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija u wiehed u sittin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€2,361.58), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------